

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/308**tal-1 ta' Marzu 2018**

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għad-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' formati, mudelli u definizzjonijiet uniformi għall-identifikazzjoni u t-trasmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-fini li tiġi mgħarrfa l-Awtorità Bankarja Ewropea bir-reqwizit minimu għal fondi propji u obbligazzjonijiet eliġibbli

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE, u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, u b'mod partikulari, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 45(17) tagħha,

Billi:

- (1) Awtoritajiet ta' riżoluzzjoni ingħataw il-kompitu li jistabbilixxu, għal kull istituzzjoni, ir-reqwizit minimu għal fondi propji u obbligazzjonijiet eliġibbli ("MREL") skont ir-reqwiziti u l-proċeduri stipulati fl-Artikolu 45 tad-Direttiva 2014/59/UE kif ulterjorment speċifikat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 ⁽²⁾.
- (2) Skont l-Artikolu 45(16) tad-Direttiva 2014/59/UE, awtoritajiet ta' riżoluzzjoni huma meħtieġa li jinfurmaw lill-Awtorità Bankarja Ewropea (ABE), f'koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti, bir-reqwiziti li jkunu stabbilixxew. Jenħtieġ li jiġu mfassla formati uniformi, mudelli u definizzjonijiet għall-identifikazzjoni u t-trażmissjoni ta' dik l-informazzjoni lill-ABE b'mod li jiffaċilitaw il-monitoraġġ mill-ABE ta' deċizzjonijiet MREL u jiżguraw valutazzjoni sinifikattiva ta' konverġenza fl-approċċ fl-Unjoni.
- (3) Fir-rigward ta' gruppi li huma soġġetti għal MREL ikkonsolidat, huwa meħtieġ li tiġi ċċarata liem awtorità ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li tibgħat lill-ABE l-informazzjoni dwar, l-ewwel, l-MREL stipulat għall-impriża omm ikkonċernata, u t-tieni, l-MREL applikat lis-sussidjarji, kemm jekk abbażi ta' deċizzjoni konġunta milħuqa bejn awtorità ta' riżoluzzjoni fil-livell ta' grupp u l-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għas-sussidjarju fuq bażi individwali, kif ukoll jekk abbażi ta' deċizzjoni meħuda mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-sussidjarju fin-nuqqas ta' deċizzjoni konġunta. Sabiex jiġi żgura li l-ABE tkun ipprovduta bl-informazzjoni meħtieġa kemm dwar l-impriża omm kif ukoll is-sussidjarji, jenħtieġ li l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti fil-livell tal-grupp jkollha tinforma lill-ABE, f'koordinazzjoni mas-superviżur konsolidanti, kemm tal-MREL stipulat fuq bażi individwali kif ukoll tal-MREL stipulat fuq bażi konsolidata għall-impriża omm ikkonċernata, u jenħtieġ li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni responsabbli għas-sussidjarji ta' grupp, f'koordinazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti, jinfurmaw lill-ABE dwar l-MREL li jkun ġie stipulat għal kull istituzzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom.
- (4) Sabiex tiġi promossa l-konverġenza ta' prattika fir-rigward ta' deċizzjoni MREL u jissaħħaħ l-irwol ta' monitoraġġ tal-ABE, perjodi uniformi ta' rapportar u dati ta' sottomissjoni għat-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni lill-ABE għandhom jiġu stabbiliti.
- (5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentat mill-ABE lill-Kummissjoni.
- (6) L-ABE wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾,

⁽¹⁾ ĠUL 173, 12.6.2014, p. 190.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 tat-23 ta' Mejju 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kriterji li għandhom x'jaqsmu ma' metodoloġija għall-iffissar tar-reqwizit minimu għal fondi propji u obbligazzjonijiet eliġibbli (ĠUL 237, 3.9.2016, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠUL 331, 15.12.2010, p. 12).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Informazzjoni inkluża fil-mudelli

1. Għall-fini li jinfurmaw lill-ABE dwar ir-reqwizit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli ("MREL"), u fejn rilevanti ir-reqwizit stipulat fl-Artikolu 45(13) tad-Direttiva 2014/59/UE, li ġew stipulati għal kull istituzzjoni taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom skont l-Artikolu 45(16) ta' din id-Direttiva fuq bażi individwali jew konsolidata, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti, għandhom jittrażmettu lill-ABE l-informazzjoni speċifikata fil-mudelli stipulati fl-Annessi I u II ta' dan ir-Regolament.
2. Fir-rigward ta' istituzzjonijiet li huma parti minn grupp soġġett għal MREL ikkonsolidat, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, f'koordinazzjoni ma' awtoritajiet kompetenti, għandhom ukoll jibagħtu lill-ABE l-informazzjoni kif speċifikata fil-mudell stipulat fl-Anness III.
3. Għall-fini tal-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom, fejn indikat fil-mudell stipulat fl-Anness II, jipprovdu informazzjoni kwalitattiva li tispjega r-raġunijiet għal deċiżjonijiet MREL abbażi tal-aħjar sforz inklużi, fejn xieraq, referenzi għal pjanijiet ta' riżoluzzjoni individwali jew ta' grupp, deċiżjonijiet pubbliċi jew dikjarazzjonijiet ta' politika tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, jew dokumenti oħra ta' prova.
4. It-termini użati fl-Anness II għandu jkollhom it-tifsira marbuta magħhom fid-dispożizzjonijiet rilevanti msemmija fil-kolonna rilevanti tat-tabella inkluża f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Rekwiżit ta' rappurtar simplifikat għal istituzzjoni soġġetti għal rinunzi u istituzzjoni li għalihom l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa żero

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward ta' dawk l-istituzzjonijiet li għalihom l-applikazzjoni tal-MREL għet irrinunzjata skont l-Artikolu 45(11) jew (12) tad-Direttiva 2014/59/UE, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jibagħtu lill-ABE l-informazzjoni speċifikata fl-Anness I, kolonni 10 sa 90 tal-Anness II u, fir-rigward ta' istituzzjonijiet li huma parti minn grupp soġġett għal MREL ikkonsolidat, l-Anness III ta' dan ir-Regolament.
2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, fir-rigward ta' dawk l-istituzzjonijiet li għalihom ir-rikapitalizzazzjoni hija żero skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/1450, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jibagħtu lill-ABE l-informazzjoni speċifikata fl-Anness I, kolonni 10 sa 120 tal-Anness II u, fir-rigward ta' istituzzjonijiet li huma parti minn grupp soġġett għal MREL ikkonsolidat, l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Awtorità ta' rappurtar fir-rigward tal-gruppi

Fir-rigward ta' gruppi li huma soġġetti għal MREL konsolidat, l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2 għandha tiġi sottomessa bil-metodu li ġej:

- (a) l-awtorità ta' riżoluzzjoni rilevanti fil-livell ta' grupp, f'koordinazzjoni mas-superviżur konsolidanti, għandha tinforma lill-ABE kemm bl-MREL stipulat fuq bażi individwali kif ukoll bl-MREL stipulat fuq bażi konsolidata għall-impriża omm tal-Unjoni jew l-impriża omm imsemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ⁽¹⁾;
- (b) l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni rilevanti, f'koordinazzjoni mal-awtorità kompetenti, għandhom jinformaw lill-ABE bl-MREL li jkun se jiġi applikat għas-sussidjarji ta' grupp taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom fuq bażi individwali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

*Artikolu 4***Perjodi ta' rapportar u dati ta' preżentazzjoni**

1. Awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 mingħajr dewmien żejjed wara li d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-MREL tittieħed jew tiġi aġġornata.
2. Awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jibagħtu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 2 għall-MRELL li jkun ġie stipulat u jibqa' applikabbli kif ikun fl-1 ta' April ta' kull sena sat-30 ta' April tal-istess sena.

*Artikolu 5***Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Informazzjoni dwar l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' rapportar

Awtorità ta' riżoluzzjoni ta' rapportar	
Data tas-sottomissjoni	
Persuna ta' kuntatt	
	Isem
	Posta elettronika
	Telefon
Kummenti ġenerali (jekk hemm)	

ANNEX II

Informazzjoni MREL

Obbligatorja								Mudell ta' rappurtar simplifikat (jekk 90 hija "Iva")			
Biex timtela għall-istituzzjonijiet kollha								Għal istituzzjonijiet li għalihom l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa żero fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450			
Referenza ġuridika	L-Artikolu 45(7) u (8) tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014	Informazzjoni ġenerali				L-Artikolu 45(11) u (12) tad-Direttiva 2014/59/UE jew l-Artikolu 12(10) tar-Regolament (UE) Nru 806/2014	Mudell ta' rappurtar simplifikat (jekk applikabbli)	L-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/962	L-Artikolu 1(4) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikolu 1(5)(b)(i) u l-Artikolu 1(5)(b)(ii) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	
		Identifikatur ta' Entità Ġuridika (kodiċi LEI)	Rekwiżit ikkonso-lidat jew individ-wali?	Isem tal-entità	Stat membru ta' inkorporazzjoni						L-awtorità ta' riżoluz-zjoni ta' rappurtar hija l-awtorità ta' riżoluz-zjoni fil-livell tal-Grupp?
10	20	30	40	50	60	70	80	90	100	110	120

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

Mhux mandatorju għal istituzzjonijiet li għalihom l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa żero fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450																			
It-tip tar- rekwiżit	Obbligazzjonijiet totali u fondi proprji		L-ammont totali tal-iskopertura għar- riskju				Id-denominatur tal-proporzjon ta' ingra- naġġ				Ammont ta' assorbiment ta' telf								
											L-Artikolu 1(4) tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 1(5)(b)(i) tar-Regola- ment Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikoli 1(5)(b)(ii) tar-Regola- ment Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450				Total (240 + 250 + 280)
L-Arti- kolu 45(9) u (10) tad- Direttiva 2014/59/UE	L-Artikolu 7(2) tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 u l-Arti- kolu 92(3) u (4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (*)				L-Artikolu 2(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450 u l-Arti- kolu 429(4) sa (11) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013				L-Artikolu 1(4) tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 1(5)(b)(i) tar-Regola- ment Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikoli 1(5)(b)(ii) tar-Regola- ment Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450				
MREL stab- bilit b'deċiż- joni konġunta	Rappu- rtar	Attwali data ta' referenza tal-oġ- ġett 140	Rappu- rtar	Attwali data ta' referenza tal-oġ- ġett 160	Assunt wara r- riżoluz- zjoni	Noti	Rappu- rtar	Attwali data ta' referenza tal-oġ- ġett 200	Assunt wara r- riżoluz- zjoni	Noti	Ammont ta' assorbi- ment tat-telf f'każ ta' inadempjenza skont l-Artikolu 1(4) tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	Aġġus- tament 'il fuq	Tip(i) ta' aġġusta- ment 'il fuq	Noti	Aġġus- tament 'l isfel	Tip(i) ta' aġġusta- ment 'l isfel	Noti	Total (240 + 250 + 280)	
130	140	150	160	170	180	190	200	210	220	230	240	250	260	270	280	290	300	310	

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

Mhux mandatorju għal istituzzjonijiet li għalihom l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa żero fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450																
Ammont ta' rikapitalizzazzjoni									Aġġustamenti relatati ma' impedimenti għar-riżolvibbiltà, id-daqs, ir-riskju sistemiku u l-kontributi tal-SGD							
L-Artikoli 2(5) u (6) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikoli 2(7) u (8) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikolu 2(8) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 2(9) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 2(10) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450			L-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 5 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450		L-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450			
Biex jintlaħqu kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni	L-ammont ta' inadempjenza addizzjonali biex tinżamm il-fiduċja tas-suq billi jiġu ssodisfatti l-bafers	Aġġustament biex tinżamm il-fiduċja tas-suq wara paragun ma' gruppi pari	Noti	Aġġustament ¹ isfel jieħu inkonsiderazzjoni informazzjoni rċevuta mill-awtorità kompetenti dwar il-mudell ta' negozju, il-mudell ta' finanzjament, u l-profil ġenerali tar-riskju tal-istituzzjoni	Noti	Aġġustament għall-kolonna 330 għal sussidjarji tal-grupp	Noti	Total (320 + 330 + 340 + 360 + 380)		Għal esklużjonijiet minn rikapitalizzazzjoni	Noti	Għad-daqs u riskju sistemiku	Noti	Għal kontributi mid-DGS għall-finanzjament tar-riżoluzzjoni	Noti	Total (410 + 430 + 450)
320	330	340	350	360	370	380	390	400	410	420	430	440	450	460	470	

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

Mhux mandatorju għal istituzzjonijiet li għalihom l-ammont ta' rikapitalizzazzjoni huwa zero fl-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450													
Valutazzjoni kkombinata ta' MREL				Arranġamenti tranżizzjonali jew wara r-risoluzzjoni (jekk applikabbli)									
L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikolu 45(13) tad-Direttiva 2014/59/UE		L-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450	L-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1450								
Total (310 + 400 + 470)	MREL bħala % tal-obbligazzjonijiet totali u fondi proprji (480 / 140)	Perċentwal tal-MREL li għandu jiġi ssodisfatt permezz ta' strumenti ta' rikapitalizzazzjoni kuntrattwali	Data li fiha r-rekwiżit stipulat f'490 irid jiġi sodisfatt	Tip ta' arranġamenti tranżizzjonali	MREL ippjanat (bħala % tal-obbligazzjonijiet totali u fondi proprji)	Data maħsuba tal-applikazzjoni	MREL ippjanat (bħala % tal-obbligazzjonijiet totali u fondi proprji)	Data maħsuba tal-applikazzjoni	MREL ippjanat (bħala % tal-obbligazzjonijiet totali u fondi proprji)	Data maħsuba tal-applikazzjoni	MREL ippjanat (bħala % tal-obbligazzjonijiet totali u fondi proprji)	Data maħsuba tal-applikazzjoni	Qafas ta' kontabilità
480	490	500	510	520	530	540	550	560	570	580	590	600	610

(¹) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

Lokazzjoni MREL

Istituzzjoni			L-impriża omm aħħarija			L-impriża omm tal-Unjoni			L-impriża omm immedjata rilevanti		
Identifikatur ta' Entità Ġuridika (kodiċi LEI)	Isem tal-entità	Stat membru ta' inkorporazzjoni	Kodiċi tal-LEI	Isem tal-entità	Pajjiż ta' inkorporazzjoni	Kodiċi tal-LEI	Isem tal-entità	Stat membru ta' inkorporazzjoni	Kodiċi tal-LEI	Isem tal-entità	Pajjiż ta' inkorporazzjoni